



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2019
COM(2019) 305 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Previżjoni fit-tul tal-flussi ta' dħul u ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE (2020-2024)

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jipprovdi previżjoni fit-tul ta' flussi futuri ta' dħul u ta' ħruġ li tkopri l-ħames snin li għejjin (2020-2024) kif meħtieġ mill-Artikolu 247(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju¹. L-analiżi tqis il-prinċipji u t-termini stabbiliti fl-abbozz ta' Ftehim dwar l-irtirar tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika².

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-previżjoni jkopri l-elementi tal-qafas finanzjarju attwali u ta' dak li jmiss. Dan huwa bbażat fuq il-livell ta' approprjazzjonijiet għall-2020 kif inkluż fl-Abbozz ta' Baġit għal dik is-sena. Għas-snin 2021-2024 huma kkunsidrati l-impenji ppreżentati fil-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss³.

Meta mqabbla mal-previżjoni tas-sena l-oħra⁴ li kopriet il-perjodu 2019-2023, din il-previżjoni l-għdida tkopri sena addizzjonali (2024). L-estimi għall-pagamenti fuq l-impenji tal-qafas finanzjarju attwali huma aġġornati biex jittqiesu r-riżultati tal-implimentazzjoni reali għall-2018, il-baġit tal-2019 u l-emendi proposti tiegħu (l-Abbozzi ta' Baġits Emendatorji Nru 1⁵, Nru 2⁶ u Nru 3⁷) u l-Abbozz ta' Baġit għall-2020⁸.

Fir-rigward tal-pagamenti relatati mal-impenji ta' wara l-2021, minħabba li n-negożjati għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għadhom għaddejnin, dawk l-istimi għadhom konsistenti mal-parametri tal-proposta tal-Kummissjoni għall-perjodu finanzjarju futur, kif riflessa fir-rapport tas-sena li għaddiet.

2. IR-RIŻULTATI TAL-PREVIŻJONI

2.1. Pagamenti

2.1.1. Pagamenti sa tmiem il-qafas finanzjarju attwali (2020)

Ir-rapport jinkludi l-istimi mill-Abbozz ta' Baġit tal-2020, l-aħħar sena tal-qafas finanzjarju attwali. Il-previżjoni għal-livelli ta' pagamenti tal-2020 hija b'kollox EUR 7 biljun inqas milli fir-rapport ta' previżjoni fit-tul tas-sena li għaddiet. Dan jirrigwarda prinċipalment l-Intestaturi 1b, 2 u 4. Għall-fondi fil-ġestjoni kondiviża, l-Abbozz ta' Baġit huwa mibni fuq l-aħħar projezzjonijiet ta' implimentazzjoni pprovduti mill-Istati Membri f'Jannar 2019, li huma kemxejn inqas milli projezzjonijiet tagħhom ta' Lulju 2018 li fuqhom kienet ibbażata l-previżjoni tas-sena l-oħra. Fil-qasam tal-azzjoni esterna, l-Abbozz ta' Baġit 2020 fil-fatt huwa taħt il-livell tas-sena preċedenti, l-aktar minħabba pagamenti aktar baxxi għall-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija.

¹ Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u r-regoli ta' applikazzjoni tiegħu, ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tat-30.7.2018.

² ĠU C66 I, 19.2.2019, p.1.

³ COM(2018)321 sa 328 tat-2.5.2018.

⁴ COM(2018) 687 final tal-10.10.2018.

⁵ COM(2019) 300 final tal-15.4.2019.

⁶ COM(2019) 320 final tal-15.5.2019.

⁷ COM(2019) 205 final tat-22.5.2019.

⁸ SEC(2019)250 tal-5.6.2019.

Kważi l-ħlasijiet kollha fl-2020 huma relatati mal-impenji li saru skont il-programmi tal-2014-2020. Inqas minn 1 % tal-pagamenti se jkopru impenji pendenti mill-qafas finanzjarju ta' qabel l-2014 skont l-Intestaturi 1a u 4. Il-parti l-kbira tal-programmi tal-2007-2013 skont il-politika ta' koeżjoni huma mistennija jingħalqu sa tmiem l-2019 u mhuma antiċipati l-ebda pagamenti ulterjuri fl-2020.

2.1.2. Pagamenti fil-qafas finanzjarju li jmiss (2021-2024)

Kumplessivament, għall-ewwel erba' snin tal-qafas finanzjarju li jmiss il-pagamenti huma mistennija li jammontaw għal madwar EUR 687 biljun. Dan l-ammont mhuwiex imqassam b'mod ugwali matul is-snin iżda jsegwi l-evoluzzjoni parallela mistennija ta': 1) l-introduzzjoni gradwali tal-pagamenti għall-programmi l-ġodda ta' nfiq (madwar 62 % tat-total ta' pagamenti ta' erba' snin) u 2) il-pagamenti għal impenji pendenti mill-perjodu 2014-2020 (it-38 % tal-pagamenti li jifdal).

Pagamenti fir-rigward ta' impenji ġodda

Ma hemm l-ebda bidla fil-previżjoni meta mqabbla mar-rapport tas-sena li għaddiet fir-rigward ta' impenji ġodda. Bħal fis-sena li għaddiet, dawn il-pagamenti jsegwu l-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 tat-2 ta' Mejju 2018 u s-suppożizzjonijiet sottostanti tagħha (ara d-dettalji fit-Taqsima 3. Suppożizzjonijiet tal-Previżjoni). Aġġornament ta' dawk l-istimi jkun possibbli biss meta jiġu konklużi n-negozjati dwar il-qafas finanzjarju li jmiss u l-leġislazzjoni speċifika għas-settur li takkumpanjah.

Dan huwa l-każ speċjalment għan-negozjati rilevanti għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, li jiddetermina l-veloċità ta' implimentazzjoni għall-politika ta' koeżjoni – l-akbar qasam ta' nfiq imwassal permezz ta' approprijazzjonijiet differenzjati. Il-bidliet fil-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni meta mqabbla mal-proposti tal-Kummissjoni jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-istimi tal-pagamenti għall-baġit tal-UE kollu kemm hu.

Pereżempju, kwalunkwe tnaqqis fir-rata ta' żamma annwali meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni jew l-approvazzjoni tal-prefinanzjament fiż-żmien tal-għeluq tal-programmi minflok kull sena jwasslu għal ħtiġijiet ta' pagament addizzjonali matul il-perjodu tal-previżjoni. Ir-regoli awtomatiċi tad-diżimpenn jista' jkollhom ukoll impatt sinifikanti fuq il-profilu tal-pagamenti. Kwalunkwe estensjoni tad-data tal-għeluq għat-tressiq ta' talbiet għal pagamenti lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni ddewwem l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u tipposponi l-pagamenti għall-qafas finanzjarju ta' wara.

Ir-rati ta' prefinanzjament għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni (kemm il-fondi tal-2014-2020 kif ukoll dawk tal-2021-2027) se jkollhom impatt partikolari fuq l-ewwel snin tal-qafas finanzjarju li jmiss. Il-proposti tal-Kummissjoni għar-Regolament li jmiss dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni u biex jiġi emendat ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni attwali jqisu r-rekwiżiti ta' finanzjament fil-bidu tal-perjodu l-ġdid kif ukoll ir-restrizzjonijiet ta' limitu massimu tar-riżorsi proprji li jikkorrispondu għal 1,20 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-UE. Filwaqt li l-Kummissjoni pproponiet li żżid il-limitu massimu tar-riżorsi proprji biex jirrifletti l-bażi tal-introjtu nazzjonali gross għal 27 Stat Membru, il-livell attwali xorta jista' jkun applikabbli fl-ewwel snin tal-qafas finanzjarju li jmiss minħabba l-proċess ta' ratifika probabbilment twil tad-Deċiżjoni l-ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji.

Pagamenti fuq impenji ta' qabel l-2021

Il-livell propost ta' pagamenti fl-Abbozz ta' Baġit 2020 għandu wkoll impatt fuq il-ħtiġijiet ta' pagament fis-snin ta' wara. Il-livell aktar baxx ta' pagamenti għall-2020 meta mqabbel mal-previżjonijiet preċedenti huwa mistenni li jwassal għal ħtiġijiet addizzjonali fis-snin ta' wara. B'konsegwenza ta' dan, l-istimi ġenerali tal-pagamenti għall-2021 sal-2024 huma madwar EUR 5 biljun oġġla mil-limitu massimu tal-pagamenti propost mill-Kummissjoni għall-perjodu li jmiss, li minnhom EUR 4 biljun ikunu fl-2024.

Dawn il-ħtiġijiet addizzjonali, flimkien mal-impatt tal-modalitajiet ta' implimentazzjoni futuri għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, iridu jiġu kkunsidrati meta jiġu stabbiliti l-limiti massimi tal-pagamenti għall-qafas finanzjarju li jmiss jew iwasslu awtomatikament għal ħtieġa għall-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali, b'mod partikolari l-Marġini ta' Kontinġenza, li – skont il-proposta tal-Kummissjoni – jippermetti li jiġu mobilizzati pagamenti sa 0,03 % tal-introjt nazzjonali gross tal-UE f'sena partikolari (li jiġu kkompensati kontra l-limiti fi snin sussegwenti).

2.1.3. Diżimpenji

L-ammont globali ta' diżimpenji previsti għall-2020-2024 huwa ta' EUR 8 biljun. Madwar 77 % tad-diżimpenji huma relatati mal-programmi tal-perjodu 2014-2020 (EUR 6 biljun) filwaqt li d-diżimpenji tal-programmi li joriġinaw qabel l-2014 qed ikomplu jitneħħew gradwalment kif inhuwa l-każ għall-pagamenti relatati. Ma huwa mistenni l-ebda diżimpenn għall-impenji proposti għall-qafas finanzjarju tal-2021-2027.

Il-livelli ta' diżimpenji jvarjaw fost l-Intestaturi minħabba li l-previżjoni tqis id-diżimpenji li diġà saru u d-diżimpenji identifikati fiż-żmien tat-tnejjija tal-Abbozz ta' Baġit tal-2020. Fil-prinċipju, id-diżimpenji huma previsti għat-tul kollu tal-perjodu ta' programmazzjoni. Minħabba li għall-biċċa l-kbira tal-programmi u azzjonijiet ma jeżistu l-ebda regoli ta' diżimpenn awtomatiku, it-tqassim annwali ta' diżimpenji jkun impreċiż ħafna. Biex jiġi stmat id-daqs tad-diżimpenji sal-2024 biss, id-diżimpenji previsti ġew imqassma proporzjonalment għall-pagamenti annwali relatati.

Qed issir previżjoni speċifika għall-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) għall-2014-2020 – u din tiegħu kont tal-esperjenza bl-għeluq tal-programmi tal-2007-2013. Minħabba li s-sena reali ta' diżimpenn tiddependi fuq id-dati tal-għeluq speċifiċi għal kull Stat Membru u minħabba r-regoli ta' diżimpenn n+3 li jinsabu fis-seħħ, x'aktarx li d-diżimpenji jkunu mifruxa fuq il-perjodu 2024-2026. Peress li l-2024 biss hija fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport, is-suppożizzjoni tentattiva hija li bejn wieħed u ieħor terz tad-diżimpenji kollha dwar il-fondi SIE 2014-2020 jistgħu jseħħu f'dik is-sena.

Meta mqabbla mar-rapport tas-sena li għaddiet, l-istima tad-diżimpenji ta' ħames snin tiżdied b'madwar EUR 1,6 biljun. Dan huwa l-effett ikkombinat ta' żieda fil-previżjoni tad-diżimpenji għall-Intestaturi 1b u 2, u tnaqqis fl-Intestaturi l-oħra kollha. Iż-żieda għall-Intestaturi 1b u 2 hija l-effett mekkaniku tal-inklużjoni ta' sena oħra (l-2024) li ma kinitx koperta mir-rapport tas-sena l-oħra. It-tnaqqis fl-Intestaturi l-oħra wkoll huwa prinċipalment minħabba l-bidla b'sena waħda tal-perjodu ta' rappurtar. Pereżempju, fl-2018 taħt l-Intestatura 1a ġew diżimpenjati EUR 0,7 biljun fir-rigward tal-programmi ta' qabel l-2014 u għaldaqstant dan l-ammont ma għadux inkluż fl-estimi futuri. Għall-Intestatura 3 hemm tnaqqis tad-diżimpenji antiċipati sabiex jiġu riflessi l-emendi tal-

leġiżlazzjoni rilevanti⁹. Għall-intestatura 4, it-tnaqqis huwa effett ikkombinat tal-bidla ta' sena u tal-aġġornament tas-suppożizzjonijiet għas-snin futuri f'konformità mal-Abbozz ta' Baġit 2020.

2.1.4. L-evoluzzjoni tal-livell ta' impenji pendenti

L-akkumulazzjoni ta' impenji pendenti (jew RAL għal reste-à-liquider) hija konsegwenza naturali tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE b'approprjazzjonijiet differenzjati u ż-żieda nominali fil-volum tal-baġit tal-UE matul is-snin. Ir-RAL fil-bidu tal-perjodu tar-rappurtar huwa mistenni li jkun ta' madwar EUR 291 biljun u mistenni jilħaq EUR 303 biljun fi tmiem il-qafas finanzjarju attwali. Għall-paragun, ir-RAL ta' tmiem l-2020 li kien previst fir-rapport tas-sena l-oħra kien ta' EUR 295 biljun. Din iż-żieda fil-previżjoni tar-RAL hija l-aktar ir-riżultat ta' aġġornament tas-sena 2020 bil-projezzjonijiet reali tal-Abbozz ta' Baġit.

Sa tmiem l-2024 ir-RAL huwa pprojetat li jkun ta' madwar EUR 313-il biljun, li jirriżulta f'żieda ta' 8 % fil-valur nominali matul il-ħames snin analizzati. Madankollu, l-evoluzzjoni annwali tal-volum tar-RAL tvarja billi r-RAL jiżviluppa skont il-proporzjon ta' pagament annwali għal impenji annwali. Il-pagamenti jqarrbu lejn l-impenji tal-2023-2024 l-aktar minħabba l-kombinazzjoni tal-ewwel mira ta' diżimpenn awtomatiku għall-programmi l-ġodda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u l-mira ta' diżimpenn n+3 għall-aħħar porzjon tal-Fondi SIE għall-2014-2020 u l-għeluq ta' dawn il-programmi. B'riżultat ta' dan, il-pagamenti fl-2023 huma mistennija li jkunu kważi fil-livell tal-impenji, u għall-2024 huma mistennija li saħansitra jaqbu l-impenji. Dan iwassal biex ir-RAL jinżamm stabbli fi tmiem l-2023 u saħansitra jitnaqqas bi ftit fl-2024.

2.2. Dħul

Il-baġit tal-UE huwa ffinanzjat bir-riżorsi proprji u bi dħul ieħor. L-ammont kumplessiv tar-riżorsi proprji meħtieġa għall-iffinanzjar tal-baġit jiġi ddeterminat min-nefqa totali bit-tnaqqis ta' dħul ieħor. Għaldaqstant, il-previżjoni tad-dħul għall-baġit tal-UE għall-2020-2024 hija bbażata fuq il-prinċipju li n-nefqa trid tkun daqs id-dħul; għalhekk, id-dħul totali jrid ikun daqs l-infiq totali.

3. SUPPOŻIZZJONIJIET TAL-PREVIŻJONI

3.1. Suppożizzjonijiet speċifiċi skont l-elementi prinċipali ta' nfiq

3.1.1. Il-fondi SIE 2014-2020 u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027

Il-previżjoni ta' pagamenti għall-fondi SIE għall-2014-2020 hija bbażata fuq l-esperjenza passata ta' pretensjonijiet ta' pagament interim ippreżentati bħala perċentwali tal-pakkett totali. L-analiżi tal-prestazzjoni ssir fl-2019 u l-impenji relatati mwarrba mill-2014 iwasslu għall-ewwel pagamenti fl-2020. Profili ta' pagament speċifiċi jintużaw għal kull wieħed mill-fondi.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-impenn mill-ġdid tal-ammonti li jkun għad fadal li ġew impenjati għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 jew l-allokkazzjoni ta' dawk l-ammonti għal azzjonijiet oħra taħt il-programmi nazzjonali (ĠU L 328, 21.12.2018).

Għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027, id-dispożizzjonijiet rilevanti inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 għall-qafas finanzjarju li jmiss huma użati wkoll għal dan ir-rapport (0,5 % bħala prefinanzjament annwali għal kull sena mill-2021 sal-2026, rata ta' ritenzjoni ta' 10 %, l-ebda riżerva ta' prestazzjoni). Il-profilu tat-talbiet għal pagamenti interim kienu stmati fuq il-bażi ta' statistika dwar l-ammonti mitluba għal kull sena fil-programmi 2007-2013 b'regoli ta' diżimpenn n+2 kif emendati biex jippermettu ċerti derogi għall-ewwel porzjonijiet ta' impenji. Kwalunkwe bidla f'dawk is-suppożizzjonijiet ikollha impatt fuq il-pagamenti fir-rigward tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027.

3.1.2. Pagamenti diretti u miżuri tas-suq skont il-Politika Agrikola Komuni

Fir-rigward tal-appropriazzjonijiet għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, dawn fil-biċċa l-kbira mhumiex differenzjati u l-biċċa l-kbira minnhom li huma relatati mal-pagamenti diretti lill-bdiewa normalment jingħataw lura lill-Istati Membri matul l-ewwel xhur tas-sena tal-baġit ta' wara.

3.1.3. Programmi u fondi oħra

Għall-partiti ta' nfiq kollha l-oħra (pereżempju r-riċerka u l-innovazzjoni, proġetti tal-infrastruttura fuq skala kbira, il-politiki interni u esterni) il-previżjonijiet għall-pagamenti fuq l-impenji awtorizzati fil-qafas finanzjarju attwali huma bbażati fuq l-Abbozz ta' Baġit 2020 u fuq l-iskedi ta' pagamenti li jakkumpanjawh skont il-linji baġitarji individwali.

Għall-ġenerazzjoni l-għdida ta' programmi ta' nfiq, il-ħtiġijiet ta' pagament annwali ġew ikkalkulati bl-użu ta' *data* statistika għall-implimentazzjoni reali matul 10 snin (2007-2017) tal-programmi attwali korrispondenti tagħhom u l-legat relatat tagħhom għall-2007-2013. Għal programmi b'ebda legat, l-istima tal-pagament hija bbażata fuq l-esperjenza tal-implimentazzjoni ta' tip simili ta' attivitajiet aġġustati għal elementi speċifiċi tal-programmi l-ġodda.

3.1.4. Amministrazzjoni

In-nefqa amministrattiva (2014-2020 Intestatura 5, 2021-2027 Intestatura 7) hija bbażata fuq appropriazzjonijiet mhux differenzjati; l-ammonti għal impenji kif ippreżentati fl-Abbozz ta' Baġit 2020, u l-limiti massimi ta' nfiq proposti għall-Intestatura 7 fl-2021-2024 huma mibdula kompletament f'pagamenti.

L-istess japplika wkoll għas-sussidji lill-aġenziji deċentralizzati, li huma ffinanzjati barra l-intestatura amministrattiva.

3.2. Suppożizzjonijiet għall-previżjoni tad-dħul

3.2.1. Riżorsi proprji tradizzjonali u kontribuzzjonijiet nazzjonali

Mill-2018, ir-riżorsi proprji tradizzjonali jinkludu biss id-dazji doganali minħabba li ntemm il-ġbir tal-imposta fuq il-produzzjoni taz-zokkor fl-2017. Billi jibdew mil-livell inkluż fl-Abbozz ta' Baġit 2020, id-dazji doganali huma previsti li jiżdiedu matul il-perjodu 2021-2024 bl-istess rata bħall-introjtu nazzjonali gross nominali ta' kull Stat Membru.

Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali (fil-forma tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross, ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u riżorsi proprji ġodda inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027) jimlew il-vojt biex jibbilanċjaw id-dħul u n-nefqa mbassra.

3.2.2. Dħul ieħor

Il-biċċa l-kbira tal-komponenti ta' "dħul ieħor" – inklużi l-kontribuzzjonijiet tal-persunal, id-dħul li jiġi mill-operat amministrattiv tal-istituzzjonijiet, il-kontribuzzjonijiet u r-rifużjonijiet marbuta mal-ftehimiet u programmi tal-Unjoni, imgħax fuq ħlasijiet tard u multi, dħul minn operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self tal-UE, u dħul ieħor, kif ukoll bilanċi pożittivi mis-snin ta' qabel huwa diffiċli li jitbassru, minħabba l-volatilità inerenti tagħhom. Għalhekk, l-ammont ikkunsidrat fil-proposta tal-Kummissjoni dwar il-qafas finanzjarju 2021-2027 (jiġifieri EUR 1,9 biljun f'konformità mal-Abbozz ta' Baġit 2019) huwa preżunt li jibqa' nominalment kostanti matul il-perjodu kopert mir-rapport (2020-2024).

4. KONKLUŻJONIJIET

Ir-rapport ta' previżjoni ta' din is-sena jkopri l-ewwel erba' snin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, li n-negozjati dwaru għadhom għaddejjin. Għalhekk, il-previżjoni tal-pagamenti hija bbażata fuq il-proposti tal-Kummissjoni ta' Mejju 2018. L-iżviluppi f'żewġ oqsma se jkunu partikolarment importanti għall-pagamenti fil-qafas finanzjarju li jmiss:

L-ewwel nett, in-negozjati li għaddejjin dwar il-proposti għall-qafas finanzjarju li jmiss juru fehmiet diverġenti dwar elementi ewlenin li jinfluwenzaw il-ħtiġijiet futuri ta' pagament. Dawn huma relatati b'mod partikolari mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni – li jammontaw għal madwar terz tal-baġit – u mal-parametri ta' implimentazzjoni tagħhom, bħar-rati ta' prefinanzjament u r-regoli ta' diżimpenn. Minħabba li f'dan l-istadju ma hemmx kunsens dwar dawn l-elementi, il-previżjoni attwali tibqa' bbażata fuq il-proposta tal-Kummissjoni tal-2018.

It-tieni, il-previżjoni tal-pagamenti tiddependi fuq l-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju attwali u l-livell ta' impenji pendent fil-bidu tal-2021. Għall-parti l-kbira tal-intestaturi tan-nefqa l-Abbozz ta' Baġit 2020 huwa taħt il-livell previst tas-sena l-oħra. Dan awtomatikament jittrasferixxi l-pagamenti għall-perjodu ta' wara l-2020, u dawn huma addizzjonali għall-pagamenti preżunti fiż-żmien meta ġew proposti l-limiti massimi tal-pagamenti għas-snin 2021-2027.

Dawn l-iżviluppi se jkollhom jiġu kkunsidrati fin-negozjati għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-limiti massimi tal-pagamenti li qed jiġu nnegozjati jaf jeħtieġu li jiġu aġġustati biex jakkomodaw il-ħtiġijiet addizzjonali li jirriżultaw mil-livell oġhla ta' impenji pendent fi tmiem l-2020 u minn emendi tal-modalitajiet ta' implimentazzjoni għall-programmi futuri.

Tabella 1 – Previżjoni fit-tul ta' flussi futuri ta' dħul u ta' ħruġ mill-baġit tal-UE matul l-2020-2024

F'biljuni ta' EUR, prezzijiet kurrenti	QFP 2014-2020 (EU28)	Il-proposta COM tal-QFP 2021-2027 (EU27)			
	2020	2021	2022	2023	2024
FLUSSI TA' ĦRUĠ					
<i>Limitu massimu ta' impenji</i>	168,8	166,7	173,7	179,4	182,9
<i>Limitu massimu ta' pagamenti</i>	172,4	159,4	164,0	177,3	180,9
Approprjazzjonijiet ta' impenn	167,7	166,7	173,7	179,4	182,9
Approprjazzjonijiet ta' pagament	153,2	159,1	164,2	178,1	185,2
li minnhom pagamenti għal impenji ta' qabel l-2021	153,2	87,7	76,9	56,7	42,8
<i>Ia. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjegi</i>	22,1	14,3	9,5	6,0	4,3
<i>Ib. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali</i>	50,0	48,5	47,6	36,9	28,0
<i>2. Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali</i>	58,0	15,0	11,7	7,3	5,2
<i>3. Sigurtà u ċittadinanza</i>	3,7	2,3	1,2	0,5	0,3
<i>4. Ewropa Globali</i>	9,0	7,6	6,8	6,0	5,0
<i>5. Amministrazzjoni</i>	10,3	0,0	0,0	0,0	0,0
li minnhom pagamenti għal impenji tal-2021-2024*		71,3	87,3	121,4	142,4
<i>1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali</i>		7,9	14,3	17,2	21,7
<i>2. Koeżjoni u Valuri</i>		5,3	6,9	31,1	39,6
<i>3. Riżorsi Naturali u Ambjent</i>		41,3	44,8	47,7	49,9
<i>4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri</i>		1,6	2,2	2,9	4,5
<i>5. Sigurtà u Difża</i>		0,8	1,6	2,0	2,9
<i>6. Viċinat u d-Dinja</i>		3,3	6,2	8,6	11,6
<i>7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea</i>		11,0	11,4	11,8	12,2
Strumenti speċjali oħra**	0,4				
L-approprjazzjonijiet ta' pagament totali inklużi l-istrumenti speċjali	153,6	159,1	164,2	178,1	185,2
FLUSSI TA' DĦUL					
<i>Limitu tar-Riżorsi Proprji f'perċentwali tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-UE</i>	1,20 %	1,29 %	1,29 %	1,29 %	1,29 %
<i>Limitu tar-Riżorsi Proprji espress f'biljuni ta' EUR***</i>	203,9	191,4	197,1	202,9	209,2
Total ta' riżorsi proprji:	151,6	157,2	162,3	176,2	183,3
<i>li minnhom ammont nett ta' riżorsi proprji tradizzjonali</i>	22,2	21,8	22,4	23,2	23,9
<i>li minnhom kontribuzzjonijiet nazzjonali****</i>	129,5	135,4	139,8	153,1	159,3
Dħul ieħor	2,0	1,9	1,9	1,9	1,9
Dħul totali	153,6	159,1	164,2	178,1	185,2

* Pagamenti għall-użu potenzjali ta' marginjiet (inkluż ukoll permezz tal-Margjini Globali għall-Impenji - Riżerva tal-Unjoni) ġew miżjuda fit-total għal kull intestatura, tentattivament distribwiti b' mod proporzjonali skont il-margjini tal-intestaturi.

** L-ammonti li ġejjin jikkorrispondu għall-pagamenti previst fl-Abbozz ta' Baġit 2020 għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u r-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza. Minħabba n-natura speċifika tagħhom, l-użu ta' dawk l-istrumenti wara l-2020 ma jistax jiġi previst. L-approprjazzjonijiet għal dawk l-istrumenti huma kkunsidrati barra mil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-finijiet tal-kalkolu tal-margjini korrispondenti. Dan huwa wkoll il-każ għall-approprjazzjonijiet relatati mal-istrument ta' Flessibbiltà.

*** Ikkalkulat fuq il-bażi tal-aħħar previżjoni ekonomika għall-introjtu nazzjonali gross tal-EU28 għall-2020, u tal-EU27 għall-2021-2024
 **** Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali jinkludu r-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross, ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u rżorsi proprji ġodda inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2021-2027. Kwalunkwe kontribuzzjoni tar-Renju Unit għal obbligi pendenti fi tmiem l-2020 tkun tikkostitwixxi dħul ieħor u b'hekk tnaqqas il-kontribuzzjonijiet nazzjonali.

Tabella 2 - Previżjoni ta' diżimpenji matul l-2020-2024

f'biljuni ta' EUR, prezzijiet kurrenti

Diżimpenji*	Fuq impenji ta' qabel l-2014	Fuq impenji tal-2014-2020	TOTAL 2020-2024
	(a)	(b)	(a+b)
1a. Kompetittività għat- tkabbir u l-impjiegi	-0,3	-1,1	-1,5
1b. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	-0,8	-2,3	-3,1
2. Tkabbir Sostenibbli : Rżorsi Naturali	-0,2	-1,3	-1,5
3. Sigurtà u ċittadinanza	-0,1	-1,1	-1,2
4. Ewropa Globali	-0,3	-0,3	-0,6
5. Amministrazzjoni	0,0	0,0	0,0
TOTAL	-1,8	-6,1	-8,0

* Ma huwa mistenni l-ebda diżimpenn b'rabta mal-impenji proposti għall-qafas finanzjarju tal-2021-2027

Tabella 3 – Bidla totali tal-impenji pendenti mill-2020 sal-2024

f'biljuni ta' EUR, prezzijiet kurrenti

RAL fi tmiem l-2019*	Impenji 2020-2024	Pagamenti 2020-2024	Diżimpenji	RAL fi tmiem l-2024
(a)	(b)	(c)	(d)	(a+b-c+d)
290,6	870,4	839,8	-8,0	313,2

Li minnhom:

QFP 2014-2020				
290,6	167,7	417,3	-8,0	32,9
QFP 2021-2027				
mhux applikabbli	702,7	422,5	-	280,2

* Ir-riżerva ta' prestazzjoni mwarrba matul l-2014-2019 hija inkluża fir-RAL, iżda l-ebda pagament ma huwa previst fir-rigward ta' dawg l-impenji qabel l-2020. Ir-RAL ma jinkludix impenji pendenti ġġenerati minn dħul minn kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi